

Avviż ta' post battal għall-kariga ta'

**Assistent għar-Riżorsi Umani (Grad AST3)
fid-Dipartiment tal-Amministrazzjoni**

tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija

REF.: ACER/2016/14

Pubblikazzjoni

Esterna

Titolu tal-Kariga

Assistent għar-Riżorsi Umani

Direttorat Ġenerali Prinċipali / Servizz

DĠ ENER (BXL)

1. AĦNA

L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") hija korp tal-Unjoni Ewropea ("UE"), imwaqqfa legalment permezz tar-Regolament (KE) Nru 713/2009¹, u ilha taħdem mill-2011. L-Aġenzija, li hija bbażata f'Ljubljana (is-Slovenja), hija importanti ħafna għal-liberalizzazzjoni tas-swieq tal-elettriku u l-gass naturali tal-UE.

L-iskop tal-Aġenzija huwa li tassisti lill-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali ("ARN") sabiex jeżerċitaw, fil-livell tal-Unjoni, il-kompiti regolatorji li wettqu fl-Istati Membri u, fejn ikun hemm bżonn, sabiex jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom.

F'dan ir-rigward, l-Aġenzija:

- a) Tikkumplimenta u tikkoordina l-ħidma tal-ARN;
- b) Tieħu sehem fil-ħolqien ta' regoli tan-netwerk Ewropew;

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1)

- c) F'ċerti kundizzjonijiet tiegħu deċiżjonijiet individwali vinkolanti fuq il-patti u l-kundizzjonijiet għall-aċċess u s-sigurtà operatorja għall-infrastruttura transfruntiera;
- d) Tagħti pariri fuq kwistjonijiet marbutin mal-elettriku u l-gass naturali lill-istituzzjonijiet Ewropej;
- e) Tissorvelja s-swieq interni fl-elettriku u l-gass naturali u tirrapporta fuq dak li tkun sabet.

L-oqsma ewlenin li fuqhom tiffoka l-Aġenzija huma:

- li ssostni l-integrazzjoni tas-suq Ewropew: dan tagħmlu l-iktar billi tiżviluppa regoli komuni dwar in-netwerk u s-suq kif ukoll billi tikkoordina inizjattivi reġjonali li huma sforzi konkreti li jieħdu l-parteciċipanti fis-suq sabiex jaħdmu lejn integrazzjoni ikbar,
- li tagħti pariri lill-istituzzjonijiet tal-UE fuq kwistjonijiet marbutin mal-infrastruttura tal-Enerġija Trans-Ewropea: l-Aġenzija toħroġ opinjonijiet fuq pjanijiet ta' żvilupp tan-netwerk għal għaxar snin bil-għan li tara li dawn ikunu jaqblu mal-prijoritajiet stabbiliti fil-livell tal-UE,
- li tissorvelja s-suq tal-enerġija: l-Aġenzija għandha missjoni ġenerali f'termini ta' monitoraġġ tas-suq fil-livell tal-UE u ilha minn tmiem l-2011 b'responsabbiltà speċifika ħafna fir-rigward tas-sorveljanza tan-negozjar tal-enerġija bl-ingrossa.

Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (REMIT) introduċa regoli ġodda li jipprojbixxu prattiki abbużivi li jaffettwaw is-swieq tal-enerġija bl-ingrossa. Skont REMIT, l-ACER għandha tiġbor id-dejta kemm tat-tranżazzjoni kif ukoll dik fundamentali meħtieġa għall-monitoraġġ tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa, frabta mill-qrib mal-Awtoritajiet Regulatorji Nazzjonali (NRAs), sabiex jiġi identifikat u evitat l-abbuż tas-suq.

Bħalissa l-Aġenzija għandha iktar minn 80 membru tal-persunal u kellha baġit annwali approvat ta' €15.8 miljun fl-2016. L-istruttura interna tal-Aġenzija tinqasam f'erba' Dipartimenti (Elettriku, Gass, Monitoraġġ tas-Suq u Amministrazzjoni) u l-Uffiċċju tad-Direttur.

L-Aġenzija tinsab f'Ljubljana (is-Slovenja).

2. NIPPROPONU

L-Assistent għar-Riżorsi Umani se jaħdem fit-Tim tar-Riżorsi Umani fid-Dipartiment tal-Amministrazzjoni. It-Tim tar-Riżorsi Umani huwa responsabbli mill-attivitajiet strateġiċi u operattivi tar-riżorsi umani li jinkludu: l-ippjanar u l-ibbaġitjar tar-riżorsi umani; l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki tar-riżorsi tal-bniedem; l-għażla tal-persunal, ir-reklutaġġ u ż-żamma; l-amministrazzjoni u r-rimunerazzjoni; it-taħriġ professjonali, it-tagħlim u l-iżvilupp u s-saħħa okkupazzjonali u l-benesseri tal-persunal.

L-Assistent għar-Riżorsi Umani għandu jirrapporta direttament lill-Uffiċċjal Għoli għar-Riżorsi Umani - Kap tat-Tim u għandu jkun responsabbli għall-kompiti li ġejjin:

Għażla u Reklutaġġ

- Jorganizza l-proċeduri ta' għażla assenjati għall-persunal statutorju (aġenti temporanji u taħt kuntratt), Esperti Nazzjonali Ssekondati, u apprendisti;
- Jipparteċipa fil-proċeduri ta' għażla bħala segretarjat jew membru tal-Kumitat tal-Għażla;
- Jagħti parir lill-Kumitat tal-Għażla dwar it-tmexxija tal-proċeduri tal-għażla u jipprovdi gwida u konsulenza dwar l-aħjar Prattiki u r-regoli applikabbli;
- Jistabbilixxi u jżomm rekords bil-miktub u elettroniċi dwar il-proċeduri ta' għażla f'konformità mal-istandards miftiehma;
- Jipprovdi assistenza fil-proċeduri ta' għażla (fit-tfassil ta' offerti u kuntratti ta' impjieg, jieħu ħsieb l-organizzazzjoni tal-eżamijiet mediċi ta' qabel l-impjieg, kuntatt mal-persunal ġdid, eċċ.);
- Jiżgura l-ipproċessar effiċjenti u xieraq tat-talbiet ta' rimborż għall-ivvjaġġar tal-kandidati.

Ġestjoni u Żvilupp tar-Riżorsi Umani

- Jassisti fl-implimentazzjoni tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni u taħriġ ta' riklassifikazzjoni;
- Jassisti fit-tfassil u l-iżvilupp ta' programmi ta' taħriġ tal-bidu u apprendistat;
- Jipprepara mudelli ta' deskrizzjoni tal-impjiegi;
- Jamministra l-proċessi ta' rappurtar tal-perjodu ta' probazzjoni għall-persunal statutorju;
- Jikkontribwixxi għad-disinn, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet ġenerali tat-tagħlim u tal-iżvilupp;
- Jassisti fil-ġestjoni ta' bażijiet tad-dejta relatati tat-taħriġ u passaporti għat-taħriġ tal-persunal;
- Jassisti fl-organizzazzjoni tal-istħarriġ tal-involviment tal-persunal imwassal mill-Aġenzija.

L-Amministrazzjoni u s-Servizzi tal-HR

- Jiżgura l-ġestjoni fil-ħin u preċiża tal-implimentazzjoni amministrattiva tal-intitolamenti u l-benefiċċji għall-persunal (id-determinazzjoni tad-drittijiet individwali; paga; kuntratti; amministrazzjoni tal-fajls tal-persunal u amministrazzjoni tal-bażi ta' data tal-HR);
- Jiżgura li l-fajls tal-persunal huma mimlijin kollha, kemm b'verżjoni stampata kif ukoll b'verżjoni elettronika;
- Jaġixxi bħala punt uniku għall-mistoqsijiet dwar it-tiġdid tal-permessi ta' residenza speċjali u t-tesseri;
- Jikkontribwixxi għall-integrazzjoni ta' persunal li jkun għadu kif ġie reklutat (li jinkludi t-taħriġ tal-bidu, l-għoti ta' informazzjoni dwar id-drittijiet individwali u l-ambjent tax-xogħol, ir-reġistrazzjoni mal-Ministeru għall-Affarjiet Barranin tar-Repubblika tas-Slovenja);
- Jassisti fl-istabbiliment tal-intitolamenti tal-liv;
- Jassisti fil-proċeduri amministrattivi għall-persunal li jkun se jitlaq mill-organizzazzjoni;

Responsabbiltajiet oħrajn:

- Jiżgura l-applikazzjoni korretta tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Uffiċjali Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS) kif ukoll ir-regoli rilevanti ta' implimentazzjoni;
- Jikkontribwixxi għall-funzjonament, il-kollaborazzjoni u l-kooperazzjoni effettivi fi ħdan it-Tim għar-Riżorsi tal-Bniedem u l-bqija tal-Aġenzija;
- Jassisti fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet u l-politika dwar il-benessri tal-persunal;
- Jassisti fl-implimentazzjoni tal-qafas tal-kompetenzi;
- Jassisti fil-preparazzjoni tal-akkwist pubbliku u l-proċeduri ta' akkwist pubbliku fil-qasam tar-riżorsi umani;
- Jassisti fl-għoti ta' informazzjoni għal mistoqsijiet interni u esterni (inklużi applikazzjonijiet spontanji, talbiet għall-informazzjoni, ilmenti, eċċ);
- Jassisti fil-preparazzjoni tal-istatistika, il-metrika u r-rapporti dwar ir-riżorsi umani;
- Kompiti amministrattivi oħrajn, skont kif ikun meħtieġ.

L-Assistent għar-Riżorsi Umani jista' jkun meħtieġ, kull tant żmien, jassisti f'oqsma ta' ħidma oħrajn tal-Aġenzija, skont ħtiġijiet u prijoritajiet, kif ippjanat u ddefinit mill-Kap tad-Dipartiment tal-Amministrazzjoni u l-Uffiċjal Għoli għar-Riżorsi Umani – Kap tat-Tim, jew kif determinat mid-Direttur.

L-Uffiċjal tar-Riżorsi Umani se jkun meħtieġ jaġixxi b'kultura ta' servizz, jimmaniġġja l-fajls b'kunfidenzjalità u integrità professjonali assoluta, filwaqt li jkun kapaċi juri ħiliet interpersonali u komunikattivi eċċellenti. Huwa mistenni li jkun proattiv, jaħdem bi spirtu ta' grupp, jikkontrolla sew l-istress, ikollu livell tajjeb ta' flessibilità, ikollu kapaċità jagħżel il-prijoritajiet, jipprova kwalità u riżultati b'attenzjoni għad-dettall u jimpenja ruħu sabiex jeċċella.

3. QEGĦDIN INFITTXU

A) Kriterji ta' eliġibbiltà

Il-kandidati se jrin jiġu kkunsidrati eliġibbli għall-fażi tal-għażla fuq il-bażi tal-kriterji formali li ġejjin li jridu jiġu ssodisfati sad-data ta' għeluq għall-applikazzjonijiet:

1. Għandu jkollu livell ta' edukazzjoni li jikkorrespondi għal edukazzjoni sekondarja ċċertifikata b'diploma, fejn it-tul uffiċjali tal-kors huwa tal-inqas tliet snin; meta t-tul tal-kors ikun inqas minn tliet snin, id-differenza għandha titnaqqas mill-esperjenza professjonali;

jew

Ikollu livell ta' edukazzjoni sekondarja ċċertifikat b'diploma li jagħti aċċess għall-edukazzjoni post-sekondarja u jkollu esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas tliet snin; fejn din id-diploma tiġi aċċettata bħala alternattiva, għandhom jitnaqqsu t-tliet snin mill-esperjenza professjonali;

(Titoli ta' studji li ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma soġġetti għaċ-ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġin mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmijin biss se jrin jiġu kkunsidrati).

2. Ikollhom għarfien profond ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea² u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra minn dawn il-lingwi (livell B2) tant li jkunu jistgħu jwettqu dmirijietom bihom;
3. Ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;
4. Ikunu intitolati għad-drittijiet sħaħ tagħhom bħala ċittadini;
5. Ikunu ssodisfaw kull obbligu impost mil-ligijiet dwar is-servizz militari;

² Il-lingwi tal-UE huma: Il-Bulgaru, il-Kroat, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, l-Irlandiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, l-Isloven, l-Ispanjol, u l-Isvediż.

6. Ikunu fiżikament kapaċi jwettqu d-dmirijiet relatati ma' din il-kariga³.

B) Kriterji tal-għażla

Il-kriterji li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati fl-għażla tal-kandidat għal din il-kariga:

L-għarfien tekniku:

1. Sal-iskadenza għall-applikazzjonijiet, il-kandidati, wara li jkunu kisbu l-kwalifiki msemmijin fil-punt 3.A.1 iktar 'il fuq, irid ikollhom tal-inqas **sentejn (2) esperjenza professjonali relatati mill-qrib mal-kompiti deskritti hawn fuq fil-punt 2⁴**.
2. L-edukazzjoni u/jew it-taħriġ fir-riżorsi umani, l-amministrazzjoni, ix-xjenzi soċjali, il-liġi jew suġġett rilevanti ieħor li jagħti sfond simili fejn juri l-kapaċità li jaħdem fix-xogħol deskritt;
3. Għarfien tajjeb tal-proċessi ta' amministrazzjoni tar-riżorsi umani (mid-dħul fis-servizz sat-terminazzjoni tal-impjeg) kif muri mill-esperjenza u/jew taħriġ professjonali;
4. Esperjenza professjonali fl-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali, is-CEOS u d-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni Ġenerali;
5. Għarfien tajjeb ta' applikazzjonijiet, għodod u/jew bażijiet tad-dejta tar-Riżorsi Umani;
6. Esperjenza tax-xogħol f'ambjent internazzjonali/multikulturali b'firxa diversifikata ħafna ta' partijiet interessati, inklużi istituzzjonijiet, korpi jew aġenziji tal-Unjoni Ewropea.
7. Esperjenza professjonali fil-ġestjoni tar-riżorsi umani, preferibilmnt f'istituzzjoni jew korp tal-Unjoni Ewropea, u għarfien tar-Regolamenti tal-Persunal u s-CEOS ikunu meqjusa bħala vantaġġ.

Il-komunikazzjoni u ħiliet personali oħrajn:

8. Ħakma eċċellenti tal-Ingliż miktub u mitkellem (livell C2⁵);
9. Ħakma tajba bil-miktub u orali (level B2⁵) ta' lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea, inkluża l-lingwa materna;
10. Kapaċitajiet analitiċi tajbin, solvien tal-problemi u litteriżmu diġitali (għarfien eċċellenti ta' MS Outlook, MS Office u Excel);

Il-kandidati huma mitluba li fl-ittra ta' motivazzjoni tagħhom jispjegaw fil-qosor f'liema pożizzjonijiet kisbu l-għarfien u l-esperjenza professjonali tagħhom fl-oqsma speċifiċi.

³ Qabel jinħatar, kandidat li jintgħażel għandu jgħaddi minn eżami mediku li jsir minn wieħed mill-uffiċjali mediċi tal-istituzzjonijiet sabiex l-Aġenzija tkun ċerta li jissodisfa r-rekwiżit tal-Artikolu 28(e) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁴ L-esperjenza professjonali tingħadd biss miż-żmien meta l-kandidat ikun kiseb id-diploma meħtieġa biex ikun eliġibbli. Iktar tard, il-kandidat sejjer jintalab jipprovdi dokumenti ta' appoġġ li jikkonfermaw it-tul u l-livell tal-esperjenza professjonali tiegħu.

⁵ Ara t-Tabella tal-awto-assenjar tal-Qafas Ewropew ta' Referenza Komuni:
<http://europass.cedefop.europa.eu/LanguageSelfAssessmentGrid/en>

4. GĦAŻLA U ĦATRA

Kumitat ta' Għażla sejjer jevalwa l-applikazzjonijiet u jagħżel lil dawk il-kandidati li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u l-iktar li jilhqgħu l-kriterji tal-għażla. Il-Kumitat ta' Għażla sejjer jieħu impenn li jistieden tal-inqas sitt kandidati u mhux iktar minn tmien kandidati għal intervista u test bil-miktub. Madankollu, dawn in-numri jistgħu jiżdedu fil-każ ta' numru ikbar ta' kandidati li jgħibu punteġġ għoli li jkunu qegħdin jieħdu sehem fil-proċedura ta' selezzjoni jew jonqsu fil-każ ta' numru limitat ta' applikanti eliġibbli u/jew numru limitat ta' kandidati li jgħibu punteġġ għoli li jieħdu sehem fil-proċedura ta' selezzjoni.

L-intervista u t-test sejrjn jiffokaw fuq l-aspetti li ġejjin:

- Għarfien u kompetenzi speċifiċi konformi mal-kriterji tal-għażla u ta' din is-Sejħa għal espressjoni ta' interess;
- L-aptitudnijiet ġenerali u l-ħiliet lingwistiċi li jkunu biżżejjed sabiex jitwettqu d-dmirijiet b'konformità mal-Artikolu 12.2.e tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra (CEOS);
- Għarfien dwar l-istrutturi tal-korpi tal-UE u l-Aġenzija.

L-Aġenzija sejra tfassal lista ta' riżerva tal-iktar kandidati adattati. B'konformità mad-Deċiżjoni tad-Direttur 2014/006, il-kandidati li jgħibu marka minima ta' 70% biex jikkwalifikaw fit-test tal-kompetenza u l-intervista sejrjn jitqiegħdu fil-lista ta' riżerva. Il-lista ta' riżera sejra tkun valida sal-31/12/2016. Il-validità tagħha tista' tiġi estiża jekk jiddeċiedi hekk id-Direttur.

Il-kandidati kollha sejrjn jiġu informati dwar l-eżitu tal-proċedura.

5. OPPORTUNITAJIET INDAQS

L-Aġenzija tapplika politika ta' opportunitajiet ugwali u taċċetta u tittratta l-applikazzjonijiet mingħajr distinzjoni fuq bażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, fattizzi ġenetiċi, lingwa, reliġjon, politika jew xi opinjoni oħra, sħubija f'minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali.

6. IL-KONDIZZJONIJIET TAL-IMPJIEG

Il-kandidat sejjer jinħatar mid-Direttur bħala Aġent Temporanju fil-grad AST3, skont l-Artikolu 2(f) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Uffiċjali Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS), għal perjodu ta' 5 snin li jista' jiġġedded fl-interess tas-servizz.

Paga u benefiċċji soċjali

Il-paga ta' membru tal-persunal tikkonsisti f'salarju bażiku, għotjiet u benefiċċji oħrajn. Skont is-sitwazzjoni tal-familja individwali u l-post ta' oriġini, id-detentur tal-impjeg jista' jkun

intitolat għal: benefiċċju tal-espatrijazzjoni (16% tas-salarju bażiku), benefiċċju tal-familja, benefiċċju għat-tfal dipendenti, benefiċċju għall-edukazzjoni, benefiċċju ta' qabel l-iskola, benefiċċju tal-installazzjoni, rimbors tal-ispejjeż tat-tneħħija, benefiċċju temporanju għas-sussistenza ta' kuljum u benefiċċji oħrajn. Is-salarji huma eżentati mit-taxxa nazzjonali; minflok, titħallas taxxa Komunitarja mis-sors.

Grad/skala	Rekwiżiti minimi għall-klassifikazzjoni fil-grad (livell ta' edukazzjoni meħtieġ + numru minimu ta' snin ta' esperjenza wara l-gradwazzjoni)	Salarju bażiku fix-xahar	Salarju nett fix-xahar, inkluż għotjiet speċifiċi ⁶
AST3 step1	<i>Edukazzjoni postsekondarja attestata b'diploma ta' mill-inqas 3 snin jew edukazzjoni sekondarja attestata b'diploma li tagħti aċċess għall-edukazzjoni postsekondarja b'esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas 3 snin sa 9 snin ta' esperjenza professjonali</i>	€ 3,507.10	€ 3,419.13
AST3 step2	<i>Edukazzjoni postsekondarja attestata b'diploma ta' mill-inqas 3 snin jew edukazzjoni sekondarja ċċertifikata b'diploma li tagħti aċċess għall-edukazzjoni postsekondarja b'esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas 3 snin u aktar minn 9 snin ta' esperjenza professjonali</i>	€ 3,654.47	€ 3,531.44

Benefiċċji addizzjonali:

- Intitolament għal liv annwali ta' jumejn għal kull xahar kalendarju flimkien ma' jiem addizzjonali għall-età u għall-grad, flimkien ma' 2.5 ġranet għall-persunal espatrijat, u minbarra dan, 19-il btala tal-ACER kull sena;
- Skema tal-Pensjoni tal-UE (wara 10 snin ta' servizz);
- Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard tal-UE (JSIS) u kopertura tal-assigurazzjoni kontra l-mard u aċċidenti kkaġunati mix-xogħol, il-qgħad u benefiċċju għal invalidità.

7. PROTEZZJONI TAD-DATA

L-Aġenzija sejra tiżgura li d-data personali tiegħek tiġi pproċessata kif meħtieġ mir-Regolament (KE) Nru 45/2001⁷ dwar il-protezzjoni ta' data personali.

L-informazzjoni sottomessa matul il-proċess tal-għażla sejra tintuża biss għal dak il-għan. Il-bażi ġuridika hija disponibbli fir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra (CEOS) u, b'mod partikolari, fl-Artikoli 12-15 u 82-84 tas-CEOS.

⁶ Stima tas-salarju nett, inkluż it-tnaqqis għat-taxxa, il-koeffiċjent korrettiv (fil-preżent 81.2%), u s-sigurtà soċjali u ż-żieda tal-għotjiet (din l-istima ġiet ikkalkulata bil-benefiċċju tal-espatrijazzjoni, il-benefiċċju tal-familja, u b'benefiċċju għal wild dipendenti wieħed). Il-benefiċċji jiddependu fi kwalunkwe każ fuq is-sitwazzjoni personali tal-kandidat.

⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000, ĠU L8, 12.1.2001, p.1.

Min-naħa tagħha, l-Aġenzija sejra tiżgura li d-data personali tal-applikant tiġi pproċessata kif meħtieġ mir-Regolament (KE) Nru 45/20016 dwar il-protezzjoni tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data. Il-persunal tal-Aġenzija li jkun involut direttament fil-proċedura tal-għażla inkwistjoni biss se jjer ikollu aċċess għal din id-data. F'ċerti każijiet, esperti esterni, ukoll marbut bl-istess prinċipji ta' protezzjoni tad-data, jista' jgħin lill-Aġenzija fl-għażla tal-kandidati.

Meta applikant jintgħażel sabiex jiddaħħal fil-lista ta' riżerva, id-data personali tiegħu sejra tinħażen għad-durata tal-validità tal-lista ta' riżerva filwaqt li, għal kandidati mhux maħturin, l-informazzjoni sejra tinħażen għal perjodu massimu ta' sentejn. Dokumenti marbutin ma' kandidati maħturin jinżammu fil-fajl personali tal-aġent, li jinżamm sa 10 snin wara li l-impjegat ikun temm l-impjieg tiegħu fl-Aġenzija.

Kwalunkwe parti li tissottometti data personali lill-Aġenzija hija intitolata li taċċessa u timmodifika dik id-data (wara d-data tal-għeluq tal-iskadenza għall-applikazzjonijiet, il-modifika hija limitata għad-data ta' identifikazzjoni). Sabiex teżerċita dawn id-drittijiet, ikkuntattja lill-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data fuq DPO@acer.europa.eu.

Barra minn hekk, għandek ukoll id-dritt li, fi kwalunkwe ħin, tikkuntattja lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

8. IL-PROĊEDURA TAL-APPLIKAZZJONI

Sabiex l-applikazzjonijiet ikunu validi, il-kandidati jridu jissottomettu:

- curriculum vitae dettaljat fil-[format tas-CV Ewropea bl-Ingliż](#)
- ittra ta' motivazzjoni (massimu ta' paġna waħda) **bl-Ingliż** li fiha jispjegaw f'liema karigi kisbu l-għarfien u l-esperjenza professjonali tagħhom fl-oqsma speċifiċi identifikati fit-Taqsima 2 ta' dan l-avviż ta' post battal.

Applikazzjonijiet li ma jkunux kompluti mhumiex se jrin jiġu aċċettati.

Flimkien mal-applikazzjoni, il-kandidati huma mistidnin jipprovdu wkoll fis-CV l-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt ta' tal-inqas l-iktar żewġ referenzi professjonali riċenti (idealment is-superjuri diretti tiegħek fil-ġerarkija mingħajr relazzjoni personali) li jistgħu jiġu kkuntattjati għal referenzi.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu bil-posta elettronika fuq SELECTIONS-ACER-2016-14@acer.europa.eu billi jiġi kkwotat in-numru ta' referenza tal-avviż ta' post battal.

Id-dokumenti ta' appoġġ (eż. kopji ċċertifikati ta' lawrji/diplomi, referenzi, provi ta' esperjenza, eċċ.) **ma għandhomx** jintbagħtu għalissa iżda fi stadju aktar tard tal-proċedura meta jintalbu.

Sabiex il-proċess tal-għażla jiġi ffaċilitat, il-komunikazzjoni kollha mal-kandidati relatata ma' dan il-post battal ser issir bl-Ingliż.

Il-kandidati qatt ma għandhom jidħlu f'kuntatt mal-kumitat ta' għażla, la b'mod dirett u lanqas indirett, rigward dan ir-reklutaġġ. L-awtorità awtorizzata tikkonkludi kuntratt tirriżerva d-dritt li tiskwalifika lil kwalunkwe kandidat li jinjora din l-ordni.

L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu bil-posta elettronika sas-17 ta' Lulju 2016 (23:59 ħin ta' Ljubljana).

Jekk f'xi mument fil-proċedura jiġi stabbilit li hemm xi informazzjoni skorretta approvduta mill-kandidat, il-kandidat inkwistjoni jiġi skwalifikat.

Għal iktar taġrif dwar il-proċedura ta' selezzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta l-Gwida għall-Applikanti fuq is-sit web tal-Aġenzija:

http://www.acer.europa.eu/The_agency/Working_at_ACER/Pages/FAQs-on-working-at-ACER.aspx

9. APPELLI

Skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-impjieg ta' Aġenti Oħrajn, kandidat jista' jressaq ilment kontra att li jaffettwa lilu/lilha b'mod ħażin. L-ilment għandu jiddaħħal fi żmien 3 xhur mid-data tan-notifika fl-indirizz li ġej:

Uffiċjal tar-Riżorsi Umani

Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)

Trg republike 3 – 1000 Ljubljana – is-Slovenja

Jekk l-ilment jiġi miċħud, skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-impjieg ta' Aġenti Oħrajn, kandidat jista' jitlob għal reviżjoni ġudizzjarja tal-att. L-appell għandu jiddaħħal fi żmien 3 xhur mid-data tan-notifika fl-indirizz li ġej:

Tribunal għas-Servizz Pubbliku

Boulevard Konrad Adenauer

L-2925 Luxembourg

Luxembourg

Kwalunkwe ċittadin tal-Unjoni Ewropea jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika residenti fi Stat Membri tista' tagħmel ilment dwar amministrazzjoni ħażina skont l-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-ilment għandu jiġi ppreżentat fi żmien sentejn minn meta l-persuna ssir konxja tal-fatti li fuqhom l-ilment huwa bbażat fl-indirizz li ġej:

L-Ombudsman Ewropew

1, Avenue du President Robert Schuman - BP 403

F-67001 Strasbourg Cedex

France

Jekk jogħġbok kun af li l-ilmenti lill-Ombudsman Ewropew ma għandhomx l-effett li jissospendu l-perjodu msemmi fl-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħrajn biex jiddaħħlu l-ilmenti jew jitressaq appell skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.